Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 20/2015

Joanne Debono **(appellata)**

Vs

Direttur Generali tas-Sigurta Socjali **(appellant)**

7 ta' Frar, 2017.

1. L-appellata applikat ghall-ghajnuna socjali u t-talba taghha giet michuda ghaliex, *"Id-Direttur mhux sodisfatt li r-rizorsi kapitali tieghek ma jeccedux l-€14,000"* (ara avviz tal-11 ta' Novembru, 2014).

2. L-appellata appellat quddiem l-Arbitru, li b'decizjoni tat-13 ta' April, 2015 emmen il-verzjoni li tat u laqa' l-appell.

3. L-appellant appella. L-aggravju jitratta dwar l-apprezzament tal-fatti u l-applikazzjoni tal-ligi.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. B'kuntratt tal-14 ta' Awissu 2013 l-appellata sseparat legalment minn ma' zewgha. Dakinhar irceviet is-somma ta' **€56,000**, bhala l-valur ta' sehemha mid-dar li giet assenjata lil zewgha.

   ii. Fis-27 ta' Awissu 2014 l-appellata applikat biex tinghata l-assistenza socjali. It-talba giet michuda ghaliex skont l-appellant kellha kapital iktar minn €14,000.

   iii. Hu minnu li fl-14 ta' Awissu 2013 l-appellata rceviet is-somma ta' €56,000. Pero' mill-provi rrizulta li minn din is-somma hallset €30,000 lil missierha (ara affidavit ta' Saviour Magri li ma sarlux kontro-ezami), u hallset is-somma ta' €17,000 lill-genituri ta' zewgha. B'hekk kien fadlilha s-somma ta' €9,000.

   iv. L-appellant ighid li, *"... ma hemm imkien imnizzel li missier l-appellata kellu bzonn imminenti ta' dawn il-flus"*. Pero' l-appellata hallset dejn li kellha. Ma kienx hemm bzonn li ssir prova li l-kreditur kellu bzonn il-flus. Dan apparti li hu rrilevanti kif Saviour Magri wza l-flus li rcieva minghand l-appellata. L-appellata semplicement onorat l-obbligu li

kellha u ghalhekk l-argument tal-appellant li ghazlet liberament li tiddisponi mis-somma li rceviet, ma jregix.

v. Fir-rikors tal-appell l-appellant semma wkoll il-fatt li l-appellata, *"….. ghazlet liberament li: l-ewwel nett tiddekadi mid-dritt taghha ghall-manteniment……"*. Pero' din ma kinitx ir-raguni ghalfejn l-applikazzjoni giet rifjutata. M'ghandux ikun li l-appellant jinqeda bir-rikors tal-appell biex jipprova jzerzaq ragunijiet godda li ma jkunx semma fid-decizjoni li tigi appellata quddiem l-Arbitru.

vi. L-appellant argumenta li l-appellata kellha, *"…. kapital adegwat fil-pussess taghha li jgib mieghu titjib fil-qaghda ekonomika taghha, ma kienx hemm dubju li l-bzonn ghall-ghajnuna hekk kif provduta mil-ligi tas-Sigurta Socjali, ma kienx ghadu jezisti u ghalhekk l-appellanta ma kinitx aktar intitolata ghall-ghajnuna"*. It-titjib ekonomiku li rrefera ghalih l-appellant, ma jirrizultax. Fl-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru, m'hemmx xejn li jista' jwassal lil din il-qorti biex tiddikjara li ma taqbilx mieghu.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.